

**Opinjoni 15/2021 dwar l-Abbozz ta' Deċiżjoni ta'
Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea skont id-
Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni adegwata tad-
data personali fir-
Renju Unit**

Adottata fit-13 ta' April 2021

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Rekord tal-verżjonijiet

Verżjoni 1.1	6 ta' Lulju 2021	Tibdil fil-format
Verżjoni 1.0	13 ta' April 2021	Adozzjoni tal-Opinjoni

WERREJ

1	SOMMARJU EŻEKUTTIV	4
2	INTRODUZZJONI	6
2.1	Qafas tal-protezzjoni tad- <i>data</i> tar-Renju Unit	6
2.2	Ambitu tal-valutazzjoni tal-EDPB	6
2.3	Kummenti u tħassib ġenerali	8
2.3.1	Impenji internazzjonali li daħal għalihom ir-Renju Unit	8
2.3.2	Diverġenza futura possibbli tal-Qafas tal-Protezzjoni tad- <i>Data</i> tar-Renju Unit	8
3	REGOLI LI JAPPLIKAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI KRIMINALI	9
3.1	Ambitu materjali	9
3.2	Salvagwardji, drittijiet u obbligi	11
3.2.1	Ipproċessar fuq il-bażi tal-“kunsens” tas-suġġett tad- <i>data</i>	11
3.2.2	Drittijiet individwali	11
3.2.2.1	<i>Ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali</i>	11
3.2.2.2	<i>Teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat fil-kuntest tal-LED</i>	12
3.2.3	Trasferimenti ulterjuri	12
3.2.4	Ipproċessar ulterjuri, inkluż il-kondiviżjoni ulterjuri għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali	15
3.3	Sorveljanza u infurzar	16

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 51(1)(g) tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI¹, (minn hawn 'il quddiem "LED"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

1. Il-Kummissjoni Ewropea approvat l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha (minn hawn 'il quddiem "abbozz ta' deċiżjoni") dwar il-protezzjoni adegwata tad-*data* personali mir-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem "ir-Renju Unit") skont l-LED fid-19 ta' Frar 2021². Wara dan, il-Kummissjoni Ewropea bdiel il-proċedura għall-adozzjoni formali tagħha.
2. Fl-istess data, il-Kummissjoni Ewropea talbet l-opinjoni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem l-"EDPB")³. Il-valutazzjoni tal-EDPB tal-adeqgatezza tal-livell ta' protezzjoni mogħti fir-Renju Unit saret abbażi tal-eżami tal-abbozz ta' deċiżjoni nnifsu, kif ukoll abbażi ta' analiżi tad-dokumentazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea.
3. L-EDPB uża r-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED⁴ tiegħu adottat fit-2 ta' Frar 2021 bħala referenza ewlenija għal din il-ħidma, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti riflessa fir-Rakkomandazzjonijiet tal-EPDB 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza⁵.
4. L-objettiv ewlieni tal-EDPB huwa li jagħti opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-adeqgatezza tal-livell ta' protezzjoni mogħti lill-individwi fir-Renju Unit. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-EDPB ma jstennix li l-qafas legali tar-Renju Unit jirreplika l-liġi Ewropea dwar il-protezzjoni tad-*data*.
5. Madankollu, l-EDPB ifakkar li, biex titqies bħala li tipprovdi livell adegwat ta' protezzjoni, l-Artikolu 36 tal-LED u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "QĠUE") jirrikjedju li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz tiġi allinjata mal-essenza tal-prinċipji fundamentali stabbiliti fl-LED. Fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, l-EDPB jinnota li hemm allinjament qawwi bejn il-qafas tal-LED u l-qafas legali tar-Renju Unit dwar ċerti dispożizzjonijiet ewlenin, pereżempju, bħall-kunċetti (eż. "*data* personali"; "ipproċessar ta' *data* personali"; "kontrollur tad-*data*"); ir-raġunijiet għal ipproċessar legali u ġust għall-finijiet leġittimi; il-limitazzjoni tal-iskop; il-kwalità u l-proporzjonalità tad-*data*; iż-żamma,

¹ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.

² Ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea, stqarrija għall-istampa, Il-protezzjoni tad-*data*: Il-Kummissjoni Ewropea tniedi proċess dwar il-flussi ta' *data* personali lejn ir-Renju Unit, id-19 ta' Frar 2021, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_661.

³ *Idem*.

⁴ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqgatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, adottati fit-2 ta' Frar 2021, https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/recommendations012021onart.36led.pdf_en.pdf.

⁵ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 02/2020 dwar il-Garanziji Essenzjali Ewropej għal miżuri ta' sorveljanza, adottati fl-10 ta' Novembru 2020, https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/recommendations/recommendations-022020-european-essential-guarantees_mt.

is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-*data*; it-trasparenza; il-kategoriji speċjali ta' *data*; it-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tfassil ta' profili awtomatizzati.

6. L-EDPB jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tikkomplementa l-analiżi tagħha b'informazzjoni dwar l-eżistenza ta' mekkaniżmu biex tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri dwar ipproċessar jew dwar divulgazzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet tar-Renju Unit li lilhom ikunu ttrasferew id-*data* personali u biex tidentifika l-effettività tiegħu skont l-ordni ġuridiku tar-Renju Unit.
7. L-EDPB iqis li d-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu 5 tal-Parti 3 tal-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem "DPA tal-2018"), fil-prinċipju, jipprevedu livell ta' protezzjoni li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit skont id-dritt tal-UE, fir-rigward tat-trasferiment ta' *data* personali minn awtorità tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit għal pajjiż terz.
8. Għalkemm l-EDPB jinnota l-kapaċità tar-Renju Unit, skont il-qafas legali tiegħu, li jirrikonoxxi t-territorji bħala li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* fid-dawl tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit, l-EDPB jixtieq jenfasizza li dan jista' jwassal għal riskji possibbli fil-protezzjoni pprovduta lid-*data* personali ttrasferita mill-UE speċjalment jekk, fil-futur, il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit jiddevja mill-acquis tal-UE. **Għas-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni Ewropea għandha għalhekk tissodisfa r-rwol ta' monitoraġġ tagħha, u f'każ li l-livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni tad-*data* personali ttrasferita mill-UE ma jinżammx, il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis li temenda d-deċiżjoni ta' adegwatezza biex tintroduċi salvagwardji speċifiċi għad-*data* ttrasferita mill-UE, u/jew li tissospendi d-deċiżjoni ta' adegwatezza.**
9. **Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali konklużi bejn ir-Renju Unit u pajjiżi terzi**, il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna teżamina l-interazzjoni bejn il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit u l-impenji internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-livell ta' protezzjoni fejn id-*data* personali tiġi ttrasferita mill-UE lejn ir-Renju Unit abbażi tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit, u mbagħad tiġi ttrasferita 'l quddiem lejn pajjiżi terzi oħra; u li tissorvelja u li tiegħu azzjoni kontinwament, fejn meħtieġ, f'każ li l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali bejn ir-Renju Unit u pajjiżi terzi tirriskja li ddgħajjef il-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali previst fl-UE.
10. F'dan ir-rigward, l-EDPB jenfasizza li d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti dwar l-Access għal *Data* Elettronika għall-Fini tal-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Serja (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim tal-Att CLOUD bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti")⁶ jista' jaffettwa t-trasferimenti ulterjuri mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-Renju Unit, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ u tat-trażmissjoni ta' ordnijiet skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim tal-Att CLOUD bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.
11. L-EDPB jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja kontinwament jekk il-konklużjoni ta' ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi għall-fini tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, li jipprovdu bażi ġuridika għat-trasferiment ta' *data* personali lil dawn il-pajjiżi, tistax taffettwa l-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni ulterjuri tal-informazzjoni miġbura, b'mod partikolari jekk id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jistgħux jaffettwaw l-applikazzjoni tal-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-*data* u jipprevedu limitazzjoni jew eżenzjoni ulterjuri fir-rigward tal-użu u d-divulgazzjoni ulterjuri barra mill-pajjiż tal-informazzjoni miġbura għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. L-EDPB iqis li tali informazzjoni u valutazzjoni huma essenzjali sabiex ikun jista' jsir rieżami komprensiv tal-livell ta' protezzjoni mogħti mill-qafas u mill-prattiki leġiżlattivi tar-Renju Unit fir-rigward tad-divulgazzjoni barra mill-pajjiż.

⁶ Ara l-Agreement between the Government of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland and the Government of the United States of America on Access to Electronic Data for the Purpose of Countering Serious Crime, Washington DC, l-Istati Uniti tal-Amerka, it-3 ta' Ottubru 2019.

2 INTRODUZZJONI

2.1 Qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit

12. Il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit huwa bbażat fuq il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE (b'mod partikolari l-LED u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (minn hawn 'il quddiem "GDPR")), li huwa derivat mill-fatt li r-Renju Unit kien Stat Membru tal-UE sal-31 ta' Jannar 2020. Barra minn hekk, id-DPA tal-2018, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2018 u li ħassar l-Att tar-Renju Unit dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-1998, jitttrasponi l-LED permezz tal-Parti 3 tiegħu, minbarra li jispeċifika ulterjorment l-applikazzjoni tal-GDPR fil-liġi tar-Renju Unit, kif ukoll jagħti s-setgħat u jimponi dmirijiet fuq l-awtorità superviżorja nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data*, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-informazzjoni tar-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem "ICO").
13. Kif imsemmi fil-premessa 12 tal-abbozz ta' deċiżjoni, il-Gvern tar-Renju Unit ippromulga l-European Union (Withdrawal) Act 2018, li jinkorpora l-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli direttament fid-dritt tar-Renju Unit. Skont dan l-Att, il-ministri tar-Renju Unit għandhom is-setgħa li jintroduċu leġiżlazzjoni sekondarja, permezz ta' strumenti statutorji, sabiex jagħmlu l-modifiki neċessarji tad-dritt tal-UE miżmum wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE biex jiġi adattat għall-kuntest domestiku.
14. Konsegwentement, il-qafas legali rilevanti applikabbli fir-Renju Unit wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni⁷ jikkonsisti:
 - mill-United Kingdom General *Data* Protection Regulation (minn hawn 'il quddiem "il-GDPR tar-Renju Unit"), kif inkorporat fid-dritt tar-Renju Unit skont l-European Union (Withdrawal) Act 2018, kif emendat mid-DPPEC (Data Protection, Privacy and Electronic Communications (Amendment Etc.) (EU Exit)) Regulations 2019;
 - mid-DPA tal-2018, kif emendat mir-Regolamenti tad-DPPEC tal-2019, u mid-Data Protection, Privacy and Electronic Communications (Amendments etc) (EU Exit) Regulations 2020; u
 - mill-Investigatory Power Act 2016 ("IPA 2016").(flimkien "il-Qafas tal-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit").

2.2 Ambitu tal-valutazzjoni tal-EDPB

15. L-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea huwa r-riżultat ta' valutazzjoni tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit, segwita minn diskussjonijiet mal-Gvern tar-Renju Unit. F'konformità mal-Artikolu 51(1)(g) tal-LED, l-EDPB huwa mistenni li jipprovdni opinjoni indipendenti dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea, jidentifika nuqqasijiet fil-qafas tal-adeqwatezza, jekk ikun hemm, u jagħmel ħiltu biex jagħmel proposti biex jindirizzahom.

⁷ Il-perjodu ta' tranżizzjoni huwa stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2020, u wara din id-*data*, id-dritt tal-UE ma jibqax japplika fir-Renju Unit. Il-"perjodu tranżitorju" huwa stabbilit sa mhux aktar mit-30 ta' Ġunju 2021 u jirreferi għall-perjodu addizzjonali li matulu t-trażmissjoni tad-*data* personali mill-UE lejn ir-Renju Unit ma titqiesx bħala trasferiment.

16. Kif imsemmi fir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED, *“l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea għandha tkun eżawrjenti u tqiegħed lill-EDPB f’pożizzjoni li jagħmel valutazzjoni proprja dwar il-livell ta’ protezzjoni tad-data fil-pajjiż⁸”*.
17. F’dan ir-rigward, ta’ min jinnota li l-EDPB irċieva biss parzjalment id-dokumenti rilevanti għall-eżami tal-qafas legali tar-Renju Unit fil-ħin. L-EDPB irċieva l-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit imsemmija fl-abbozz ta’ deċiżjoni permezz ta’ links imsemmija f’din tal-aħħar. Il-Kummissjoni Ewropea ma kinitx f’pożizzjoni li tipprovdni lill-EDPB bi spjegazzjonijiet u b’impenji bil-miktub mir-Renju Unit fir-rigward tal-iskambji bejn l-awtoritajiet tar-Renju Unit u l-Kummissjoni Ewropea rilevanti għal dan l-eżerċizzju⁹.
18. Filwaqt li jitqies dan ta’ hawn fuq u minħabba l-perjodu ta’ żmien limitat (xahrejn) mogħti lill-EDPB biex jadotta din l-opinjoni, l-EDPB għażel li jiffoka fuq xi punti speċifiċi ppreżentati fl-abbozz ta’ deċiżjoni u li jipprovdni l-analiżi u l-opinjoni tiegħu dwarhom. Huwa u janalizza l-liġi u l-prattika ta’ pajjiż terz li kien Stat Membru tal-UE sa ftit taż-żmien ilu, huwa evidenti li l-EDPB identifika ħafna aspetti li huma essenzjalment ekwivalenti. Fid-dawl tar-rwol tiegħu fil-proċess tal-adozzjoni ta’ sejba ta’ adegwatezza u l-ammont ta’ liġi u Prattika li għandhom jiġu analizzati, l-EDPB iddeċieda li jiffoka l-attenzjoni tiegħu fuq dawk l-aspetti fejn ra l-akbar ħtieġa li wieħed jeżaminahom aktar mill-qrib.
19. L-EDPB qies il-qafas Ewropew applikabbli għall-protezzjoni tad-*data*, inklużi l-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn ’il quddiem *“il-Karta tal-UE”*), li rispettivament jiproteġu d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni ta’ *data* personali, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali; u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn ’il quddiem il-*“KEDB”*) li tiproteġi d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Minbarra dan ta’ hawn fuq, l-EDPB ikkunsidra r-rekwiżiti tal-LED, kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti.
20. L-objettiv ta’ dan l-eżerċizzju huwa li jipprovdni lill-Kummissjoni Ewropea b’opinjoni għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-livell ta’ protezzjoni fir-Renju Unit. Il-kunċett ta’ *“livell adegwat ta’ protezzjoni”*, li diġà kien jeżisti skont id-Direttiva 95/46/KE, ġie żviluppat ulterjorment mill-QĠUE. Huwa importanti li jiġi mfakkar l-istandard stabbilit mill-QĠUE fi *Schrems I*, jiġifieri li – filwaqt li l-*“livell ta’ protezzjoni”* fil-pajjiż terz irid ikun *“essenzjalment ekwivalenti”* għal dak garantit fl-UE – *“il-mezzi li għalihom dak il-pajjiż terz għandu rikors, f’dan ir-rigward, għall-finijiet ta’ tali livell ta’ protezzjoni jista’ jvarja minn dawk li jintużaw fl-UE”*¹⁰. Għalhekk, l-objettiv mhuwiex li l-leġiżlazzjoni Ewropea tiġi riflessa punt b’punt, iżda li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti essenzjali u ewlenin tal-leġiżlazzjoni li qed tiġi eżaminata. L-

⁸ Ara r-Rakkomandazzjonijiet 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafu 15, p. 5.

⁹ Dawn huma l-elementi fejn il-Kummissjoni Ewropea tirreferi, fl-abbozz ta’ deċiżjoni tagħha, għal spjegazzjonijiet mill-awtoritajiet tar-Renju Unit mingħajr ma tipprovdni d-dokumenti bil-miktub mill-awtoritajiet tar-Renju Unit li jappoġġaw l-isjegazzjonijiet, bħal fir-rigward ta’: l-effetti tad-dispożizzjonijiet tranżitorji u n-nuqqas ta’ dispożizzjoni *“sunset”* (il-premessa 87); eżempji ta’ kunsens bħala bażi xierqa għall-ipproċessar (in-nota 68 f’qiegħ il-paġna); it-terminu *“mhux preċiż”* bħala *data* personali *“mhux korretta jew qarrieqa”* (in-nota 79 f’qiegħ il-paġna); il-mandat tal-ISC (in-nota 245 f’qiegħ il-paġna); il-limitu baxx biex isir ilment mal-IPT u l-fatt li mhuwiex rari għall-IPT li jiġi ddeterminat li l-ilmentatur fil-fatt qatt ma kien soġġett għal investigazzjoni minn awtorità pubblika (in-nota 263 f’qiegħ il-paġna); il-kombinazzjoni ta’ setgħat derivati mil-leġiżlazzjoni u mid-dritt komuni (in-nota 52 f’qiegħ il-paġna); is-setgħat ta’ prerogattiva eżerċitati mill-gvern (in-nota 62 f’qiegħ il-paġna); il-fatt li organizzazzjonijiet oħra huma liberi li jseguw l-prinċipji tal-Kodiċi ta’ Prattika tal-MoPI jekk jixtiequ (in-nota 86 f’qiegħ il-paġna).

¹⁰ Ara s-sentenza tal-QĠUE, C-362/14, *Maximilian Schrems vs Data Protection Commissioner*, is-6 ta’ Ottubru 2015, ECLI:EU:C:2015:650 (minn hawn ’il quddiem *“Schrems I”*), il-paragrafi 73-74.

adegwatezza tista' tinkiseb permezz ta' taħlita ta' drittijiet għas-suġġetti tad-*data* u obbligi għal dawk li jipproċessaw id-*data*, jew li jeżerċitaw kontroll fuq tali pproċessar u superviżjoni minn korpi indipendenti. Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* huma effettivi biss jekk ikunu infurzabbli u jekk jiġu segwiti fil-prattika. Għalhekk, huwa meħtieġ li mhux biss jiġi kkunsidrat il-kontenut tar-regoli applikabbli għal *data* personali ttrasferita lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali, iżda għandha tiġi kkunsidrata wkoll is-sistema fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' tali regoli. Il-mekkaniżmi ta' infurzar effiċjenti huma importanti ħafna għall-effettività tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*¹¹.

2.3 Kummenti u tħassib ġenerali

2.3.1 Impenji internazzjonali li daħal għalihom ir-Renju Unit

21. Skont l-Artikolu 36(2)(c) tal-LED u r-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED¹², meta tivvaluta l-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni ta' pajjiż terz, il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis, fost l-oħrajn, l-impenji internazzjonali li jkun daħal għalihom il-pajjiż terz, jew obbligi oħra li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz f'sistemi multilaterali jew reġjonali b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' tali obbligi. Barra minn hekk, għandha titqies l-adeżjoni tal-pajjiż terz mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni 108")¹³ u l-Protokoll Addizzjonali tagħha¹⁴.
22. **F'dan ir-rigward, l-EDPB jilqa' l-fatt li r-Renju Unit ikkonforma mal-KEDB u huwa taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"). Barra minn hekk, ir-Renju Unit ikkonforma wkoll mal-Konvenzjoni 108 u mal-Protokoll Addizzjonali tagħha, iffirma l-Konvenzjoni 108+¹⁵ fl-2018 u bħalissa qed jaħdem fuq ir-ratifika tagħha.**

2.3.2 Diverġenza futura possibbli tal-Qafas tal-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit

23. Kif imsemmi fil-premessa 171 tal-abbozz ta' deċiżjoni, il-Kummissjoni Ewropea trid tqis li, mat-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut mill-Ftehim dwar il-Ħruġ¹⁶, ir-Renju Unit jamministra, japplika u jinforza r-reġim tiegħu stess tal-protezzjoni tad-*data* u hekk kif id-dispożizzjoni tranżitorja¹⁷ skont l-

¹¹ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adegwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafu 14, p. 5.

¹² Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adegwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafu 24, p.7.

¹³ Ara l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, il-Konvenzjoni 108, it-28 ta' Jannar 1981.

¹⁴ Ara l-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, rigward l-awtoritajiet superviżorji u l-flussi ta' *data* transfruntiera, miftuħ għall-iffirmar fit-8 ta' Novembru 2001.

¹⁵ Ara l-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni 108+"), it-18 ta' Mejju 2018.

¹⁶ Ara l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 029, 31.1.2020, p. 7).

¹⁷ Il-perjodu ta' tranżizzjoni huwa stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2020, u wara din id-*data*, id-dritt tal-UE ma jibqax japplika fir-Renju Unit. Il-"perjodu tranżitorju" huwa stabbilit sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021, u jirreferi għall-perjodu addizzjonali li matulu, it-trażmissjoni tad-*data* personali mill-UE lejn ir-Renju Unit ma titqiesx bħala trasferiment.

Artikolu FINPROV.10A tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit¹⁸ ma tibqax tapplika, dan jista' jinvolvi b'mod partikolari emendi jew bidliet fil-qafas tal-protezzjoni tad-*data* vvalutat fl-abbozz ta' deċiżjoni, kif ukoll żviluppi rilevanti oħra.

24. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tinkludi klawżola sunset fl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha¹⁹, li tistabbilixxi d-*data* ta' skadenza erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha.
25. Huwa importanti li jiġi nnotat li l-possibbiltà li l-ministri tar-Renju Unit u s-Segretarju tal-Istat tar-Renju Unit jintroduċu leġiżlazzjoni sekondarja wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju tista' twassal għal diverġenza sinifikanti tal-Qafas tal-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit mill-UE fil-futur.
26. Fl-aħħar nett, mhux biss minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ma għadux marbut bil-ġurisprudenza tal-QĠUE iżda wkoll, is-sentenzi diġà adottati tal-QĠUE, ikkunsidrati bħala ġurisprudenza miżmuma fil-qafas legali tar-Renju Unit, jistgħu ma jkunux aktar vinkolanti għar-Renju Unit peress li, b'mod partikolari, ir-Renju Unit għandu l-possibbiltà li jimmodifika d-dritt tal-UE miżmum wara tmiem il-perjodu tranżitorju u l-Qorti Suprema tiegħu mhijiex marbuta bi kwalunkwe ġurisprudenza miżmuma tal-UE²⁰.
27. **Meta jitqiesu r-riskji relatati mad-devjazzjoni possibbli tal-Qafas tal-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit mill-acquis tal-UE wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju, l-EDPB jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tintroduċi klawżola sunset ta' erba' snin għall-abbozz ta' deċiżjoni. Madankollu, hawnhekk l-EDPB jixtieq jenfasizza l-importanza tar-rwol ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni Ewropea²¹. Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea għandha timmonitorja l-iżviluppi rilevanti kollha fir-Renju Unit li jista' jkollhom impatt fuq l-ekwivalenza essenzjali tal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali ttrasferita skont id-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit fuq bażi kontinwa u permanenti mid-dħul fis-seħħ tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiegħu azzjoni xierqa billi tissospendi, temenda jew tħassar id-deċiżjoni ta' adegwatezza, abbażi taċ-ċirkostanzi inkwistjoni, jekk wara li tiġi adottata d-deċiżjoni ta' adegwatezza, il-Kummissjoni Ewropea jkollha indikazzjonijiet li livell adegwat ta' protezzjoni ma għadux żgurat fir-Renju Unit.**
28. Min-naħa tiegħu, l-EDPB se juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe azzjoni rilevanti mwettqa mill-Awtoritajiet Superviżorji tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Istat Membru (minn hawn 'il quddiem "SAs"), u b'mod partikolari fir-rigward tal-ilmenti magħmula mis-suġġetti tad-*data* fl-UE dwar it-trasferiment ta' *data* personali mill-UE lejn ir-Renju Unit.

3 REGOLI LI JAPPLIKAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI GĦALL-FINIJIET TAL-INFURZAR TAL-LIĠI KRIMINALI

3.1 Ambitu materjali

¹⁸ Ara l-Ftehim ta' kummerċ u kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-enerġija atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14).

¹⁹ Ara l-Artikolu 4 tal-abbozz ta' deċiżjoni. Ara wkoll il-premessa 172 tal-abbozz ta' deċiżjoni.

²⁰ Ara t-taqsim 6(3) sa (6) tal-EU (Withdrawal) Act 2018.

²¹ Ara l-Artikolu 36(4) tal-LED.

29. Fir-rigward tal-premessi 24 u wara l-abbozz ta' deċiżjoni, l-EDPB jinnota li l-abbozz ta' deċiżjoni dwar l-adeqgatezza ma fihx ħafna dettalji dwar l-attivitajiet u l-qafas legali applikabbli għal aġenziji għajr li l-pulizija għandhom dmirijiet tal-infurzar tal-liġi.
30. Pereżempju, l-UK Explanatory Framework for Adequacy Discussions, Section F:: Law Enforcement²², jissuġġerixxi f'paġna 11 li **n-National Crime Agency (l-Aġenzija Nazzjonali tal-Kriminalità)** (minn hawn 'il quddiem "NCA") tista' tkun aġenzija tal-infurzar tal-liġi ta' interess partikolari, li fost l-oħrajn għandha funzjoni usa' ta' intelligence kriminali. L-NCA tiddekrivi l-missjoni tagħha bħala li tlaqqa' flimkien l-intelligence minn firxa ta' sorsi sabiex timmassimizza l-opportunitajiet ta' analiżi, valutazzjoni u tattiċi, inkluż mill-interċettazzjoni teknika tal-komunikazzjonijiet, mis-sħab tal-infurzar tal-liġi fir-Renju Unit u dawk minn barra l-pajjiż, mill-aġenziji tas-sigurtà u tal-intelligence²³. L-NCA hija wkoll waħda mill-interlokutori ewlenin għas-sħab internazzjonali tal-infurzar tal-liġi u għandha rwol ewlieni fl-iskambju tal-intelligence kriminali²⁴.
31. L-EDPB jieħu nota wkoll tal-fatt li l-Government Communications Headquarters (minn hawn 'il quddiem "GCHQ"), li l-attivitajiet tagħhom tipikament jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 4 tad-DPA tal-2018, jiġifieri s-sigurtà nazzjonali, jassumi wkoll rwol attiv fit-tnaqqis tal-ħsara finanzjarja u lis-soċjetà u li l-kriminalità serja u organizzata tikkawża lir-Renju Unit, billi jaħdem mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Intern, mal-NCA, mal-HM Revenue and Customs ("HMRC"), u ma' dipartimenti oħra tal-gvern²⁵. L-attivitajiet tiegħu huma relatati mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, il-frodi, tipi oħra ta' kriminalità ekonomika, inkluż il-ħasil tal-flus, l-użu kriminali tat-teknoloġija, iċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità organizzata tal-immigrazzjoni, inkluż it-traffikar tal-persuni u d-drogi, l-armi tan-nar u l-attività illeċita oħra ta' kuntrabandu.
32. **L-EDPB jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tikkomplementa l-analiżi tagħha b'analiżi tal-aġenziji attivi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi li jidhru li għamli l-ġbir u l-analiżi tad-*data*, inkluża d-*data* personali, fokus tal-operazzjonijiet ta' kuljum tagħhom, b'mod partikolari l-NCA. Barra minn hekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn l-aġenziji bħall-GCHQ, li l-attivitajiet**

²² Ara l-UK Explanatory Framework for Adequacy Discussions, Section F: Law Enforcement, it-13 ta' Marzu 2020. https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/872237/F-Law-Enforcement.pdf.

²³ Ara s-sit web tan-National Crime Agency, Intelligence: enhancing the picture of serious organised crime affecting the UK, <https://www.nationalcrimeagency.gov.uk/what-we-do/how-we-work/intelligence-enhancing-the-picture-of-serious-organised-crime-affecting-the-uk>.

²⁴ Filwaqt li mhux l-intelligence kollha pproċessata mill-NCA hija *data* personali, parti sostanzjali tista' tkun informazzjoni personali u l-attivitajiet deskritti hawn ivarjaw minn dawk tal-attivitajiet klassiċi tal-pulizija, sabiex valutazzjoni tal-aċċess għad-*data* personali mill-infurzar tal-liġi fir-Renju Unit ma tkunx kompluta mingħajr ma jiġu vvalutati bir-reqqa l-attivitajiet tal-NCA. Jidher raġonevoli li jiġi żgurat li l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-*data* jingħataw l-istess tifsira fl-aġenziji rilevanti kollha tal-infurzar tal-liġi, u għalhekk jitfgħu dawl fuq aġenzija partikolarment xprunata mid-*data* bħall-NCA. Barra minn hekk, meta wieħed jagħti "ħarsa lejn il-futur", l-ispjegazzjoni tkompli, "kontinwament infittxu opportunitajiet ġodda biex niġbru, niżviluppaw u nsaħħu l-kapaċitajiet tradizzjonali biex inżidu l-kwantità u l-kwalità tal-intelligence disponibbli biex tiġi sfruttata kemm fir-Renju Unit kif ukoll barra mill-pajjiż." "Bħala parti minn dan, qed niżviluppaw il-Kapaċità Nazzjonali l-ġdida għall-Isfruttament tad-*Data*, bl-użu tas-setgħat mogħtija lill-aġenzija mill-Att dwar il-Kriminalità u l-Qrati, biex tiġi kkollegata flimkien, aċċessata u sfruttata d-*data* miżmuma fi ħdan il-gvern." [...] "Dan kollu se jżid l-aġilità u l-flessibilità tagħna biex nirreaġixxu għal theddid ġdid u noperaw b'mod proattiv, biex niġbru u nanalizzaw l-informazzjoni u l-intelligence dwar theddid emerġenti sabiex inkunu nistgħu nieħdu azzjoni qabel ma jitwettqu t-theddidiet."

²⁵ Ara s-sit web tal-GCHQ, Mission, Serious and Organised Crime, <https://www.gchq.gov.uk/section/mission/serious-crime>.

tagħhom jaqgħu kemm fl-ambitu tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fis-sigurtà nazzjonali, u l-qafas legali applikabbli għalihom għall-ipproċessar ta' *data* personali.

3.2 Salvagwardji, drittijiet u obbligi

3.2.1 Iproċessar fuq il-bażi tal-“kunsens” tas-suġġett tad-*data*

33. L-EDPB jieħu nota li l-Kummissjoni Ewropea tafferma fil-premessi 37 u 38 tal-abbozz tad-deċiżjoni li **d-dipendenza fuq il-kunsens** ma titqiesx rilevanti f'xenarju ta' adegwatezza, minħabba li f'sitwazzjonijiet ta' trasferiment, id-*data* ma tinġabarx direttament minn suġġett tad-*data* minn awtorità tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit abbażi tal-kunsens.
34. F'dan ir-rigward, l-EDPB ifakkar, li l-Artikolu 36(2)a tal-LED jirrikjedi l-valutazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' elementi mhux limitati għas-sitwazzjoni tat-trasferiment, inkluż *“l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-leġiżlazzjoni rilevanti, kemm ġenerali kif ukoll settorjali, inkluż [...] id-dritt kriminali”*.
35. Il-kunsens fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi jista' jkun rilevanti bħala bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-*data*, bħala salvagwardja addizzjonali, jew b'mod aktar ġenerali bħala bażi għall-eżekuzzjoni ta' setgħat investigattivi li jwasslu għall-akkwist ta' *data* personali, pereżempju l-kunsens ta' parti terza li jsirilha tiftix fil-bini tagħha, jew li ssir konfiska tal-ħżin tad-*data*.
36. L-EDPB jinnota, abbażi wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea fil-premessa 38 tal-abbozz ta' deċiżjoni, li l-użu tal-kunsens, kif stabbilit fir-reġim tar-Renju Unit, dejjem ikun jeħtieġ bażi ġuridika fuq liema jista' jibbaża. Dan ifisser li anke jekk il-pulizija jkollha setgħat statutorji biex tipproċessa d-*data* għall-fini ta' investigazzjoni, f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi (pereżempju biex tiġbor kampjun tad-DNA), il-pulizija tista' tikkunsidra li jkun xieraq li titlob il-kunsens tas-suġġett tad-*data*.
37. **L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tanalizza, bħala regola, l-użu possibbli tal-kunsens f'kuntest ta' infurzar tal-liġi meta tivvaluta l-adegwatezza ta' pajjiż terz skont l-LED.**

3.2.2 Drittijiet individwali

3.2.2.1 Ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali

38. Skont it-taqsima 79 tad-DPA tal-2018, il-kontrolluri jstgħu japplikaw għal ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Ministru, membru tal-Kabinet, l-Avukat ġenerali jew l-Avukat Ġenerali għall-Iskozja, li jiċċertifikaw li l-limitazzjonijiet tal-obbligi u d-drittijiet stabbiliti fil-Kapitoli 3 u 4 tal-Parti 3 tad-DPA tal-2018 huma miżura meħtieġa u proporzjonata għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.
39. Dawn iċ-ċertifikati huma maħsuba biex jagħtu lill-kontrolluri ċertezza legali akbar, u se jkunu evidenza konklużiva tal-fatt li s-sigurtà nazzjonali hija applikabbli meta tiġi pproċessata d-*data* personali. Madankollu, ta' min isemmi li dawn iċ-ċertifikati mhumiex meħtieġa sabiex wieħed jibbaża fuq ir-restrizzjonijiet tas-sigurtà nazzjonali iżda minflok huma miżura ta' trasparenza²⁶.
40. L-EDPB jifhem mill-Iskeda 20 tad-DPA tal-2018, it-taqsimiet 17 u 18 li ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali maħruġ skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem “ċertifikat antik”) kellu effett estiż għall-ipproċessar ta' *data* personali skont id-DPA tal-2018 sal-25 ta' Mejju 2019. Sa

²⁶ Ara UK Home Office, The Data Protection Act 2018, National Security Certificates Guidance, Awwissu 2020, https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/910279/Data_Protection_Act_2018_-_National_Security_Certificates_Guidance.pdf, p. 4.

din id-data, sakemm ma ġewx issostitwiti jew revokati, iċ-ċertifikati antiki ġew ittrattati daqslikieku nħarġu skont id-DPA tal-2018. Madankollu, fejn ma jkun hemm l-ebda data ta' skadenza espliċita fuq ċertifikat tas-sigurtà nazzjonali maħruġ skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-EDPB jifhem li tali ċertifikat se jibqa' jkollu effett fir-rigward tal-ipproċessar skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data, sakemm iċ-ċertifikat ma jiġix revokat jew annullat.²⁷ Minkejja li l-protezzjoni pprovduta minn dawn iċ-ċertifikati antiki hija limitata għall-ipproċessar ta' data personali skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-EDPB jieħu nota tal-fatt li jistgħu jinħarġu ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali ġodda skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data għad-data personali li ġiet ipproċessata skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data.²⁸

41. **Għall-finijiet ta' fehim, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tagħha li iċ-ċertifikati tas-sigurtà nazzjonali xorta għad jistgħu jinħarġu skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data. Barra minn hekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiddekrivi fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tagħha l-mekkaniżmi ta' rimedju u sorveljanza fir-rigward taċ-ċertifikati maħruġa skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data. Fl-aħħar nett, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tinkludi fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza tagħha n-numru ta' ċertifikati eżistenti maħruġa skont l-Att tal-1998 dwar il-Protezzjoni tad-Data, u biex tissorvelja b'attenzjoni dan l-aspett.**

3.2.2.2 Teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati fil-kuntest tal-LED

42. L-EDPB jenfasizza li l-Artikolu 11(3) tal-LED jipprojbixxi t-tfassil ta' profili li jwassal għal diskriminazzjoni kontra persuni fiżiċi abbażi ta' kategoriji speċjali ta' data personali. Madankollu, l-EDPB jinnota li t-taqsimha 50 tad-DPA tal-2018, li tistabbilixxi r-regoli speċifiċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, ma tipprevedi l-ebda projbizzjoni bħal din.
43. **Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivverifika dan il-punt, u li tiddikjara b'mod espliċitu s-sejbiet tagħha fid-deċiżjoni ta' adegwatezza tagħha. Barra minn hekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex timmonitorja mill-qrib każijiet relatati mat-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tfassil ta' profili awtomatizzati.**
44. Skont ir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED, *"fi kwalunkwe każ, il-liġi tal-pajjiż terz għandha tipprovdi s-salvagwardji meħtieġa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-data. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' mekkaniżmu biex jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti dwar kwalunkwe pproċessar ulterjuri bħall-użu tad-data ttrasferita għat-tfassil ta' profili fuq skala kbira, għandha titqies ukoll"*²⁹.
45. **L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta dan l-element fid-dawl tal-gwida mogħtija mill-EDPB fir-referenzjal tiegħu.**

3.2.3 Trasferimenti ulterjuri

46. Skont ir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED, it-trasferimenti ulterjuri tad-data personali mir-riċevitur inizjali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali oħra ma għandhomx jimminaw il-livell tal-protezzjoni, previst fl-Unjoni, ta' persuni fiżiċi li d-data tagħhom tiġi trasferita. Għalhekk, tali

²⁷ Ara UK Home Office, The Data Protection Act 2018, National Security Certificates Guidance, Awwissu 2020, p. 5.

²⁸ Ara UK Home Office, The Data Protection Act 2018, National Security Certificates Guidance, Awwissu 2020, p. 5.

²⁹ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafi 59-61.

trasferimenti ulterjuri tad-*data* għandhom ikunu permessi biss fejn tkun żgurata l-kontinwità tal-livell ta' protezzjoni mogħti skont id-dritt tal-Unjoni. L-EDPB iqis li, kif indikat mill-Kummissjoni Ewropea fil-valutazzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet skont il-Kapitolu 5 tal-Parti 3 tad-DPA tal-2018, u b'mod partikolari t-taqsimu 73, fil-prinċipju, jipprevedu livell ta' protezzjoni li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit skont id-dritt tal-Unjoni, fir-rigward tat-trasferiment ta' *data* personali minn awtorità tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit lejn pajjiż terz.

47. L-ewwel nett, it-taqsimu 73(1)(b) tad-DPA tal-2018 tipprovdi li kontrollur ma jistax jittrasferixxi *data* personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali sakemm "*f'każ fejn id-data personali kienet oriġinarjament trażmessa jew magħmula disponibbli b'xi mod ieħor lill-kontrollur jew lil awtorità kompetenti oħra minn Stat Membru għajr ir-Renju Unit, dak l-Istat Membru, jew kwalunkwe persuna bbażata f'dak l-Istat Membru li hija awtorità kompetenti għall-finijiet tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, awtorizzat it-trasferiment f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru.*" Tali dispożizzjonijiet jidhru li huma konformi mar-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED, li jipprovdi li għandha titqies ukoll l-eżistenza ta' mekkaniżmu sabiex l-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru jiġu infurmati u jawtorizzaw tali trasferiment ulterjuri tad-*data*. Ir-riċevitur inizjali tad-*data* ttrasferita mill-UE għandu jkun responsabbli u għandu jkun jista' jagħti prova li l-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru tkun awtorizzat it-trasferiment ulterjuri, u li huma pprovduti salvagwardji xierqa għat-trasferimenti ulterjuri tad-*data* fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza fir-rigward tal-pajjiż terz fejn id-*data* tiġi trasferita b'mod ulterjuri. "*F'dan il-kuntest, għandha titqies l-eżistenza ta' obbligu jew ta' impenn biex jiġu implimentati kodiċijiet ta' trattament rilevanti definiti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri ta' trasferiment*"³⁰.
48. **L-EDPB jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta dan l-element fid-dawl tal-gwida mogħtija mill-EDPB fir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED tiegħu.**
49. It-tieni nett, kif spjegat fil-premessa 81 tal-abbozz ta' deċiżjoni, is-Segretarju tal-Istat tar-Renju Unit għandu s-setgħa li jirrikonoxxi pajjiż terz (jew territorju jew settur f'pajjiż terz), organizzazzjoni internazzjonali, jew deskrizzjoni ta' tali pajjiż, territorju, settur, jew organizzazzjoni bħala li tiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* personali, wara konsultazzjoni mal-ICO³¹. Meta jivvaluta l-adeqwatezza tal-livell ta' protezzjoni, is-Segretarju tal-Istat tar-Renju Unit għandu jikkunsidra l-istess elementi li l-Kummissjoni Ewropea hija meħtieġa tivvaluta skont l-Artikolu 36(2)(a)-(c) tal-LED, interpretati flimkien mal-premessa 67 tal-LED u l-ġurisprudenza miżmuma tal-UE. Dan ifisser li, meta jiġi vvalutat il-livell adegwat ta' protezzjoni ta' pajjiż terz, l-istandard rilevanti se jkun jekk dak il-pajjiż terz inkwistjoni jiżgurax livell ta' protezzjoni "essenzjalment ekwivalenti" għal dak garantit fir-Renju Unit. Għalkemm l-EDPB jinnota l-kapaċità tar-Renju Unit, skont id-DPA tal-2018, li jirrikonoxxi t-territorji bħala li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni fid-dawl tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit, l-EDPB jixtieq jenfasizza li dawn it-territorji tal-aħħar jistgħu ma jibbenefikawx, sal-lum, minn deċiżjoni ta' adegwatezza maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea li tirrikonoxxi livell ta' protezzjoni "essenzjalment ekwivalenti" għal dak garantit fl-UE. Dan jista' jwassal għal riskji possibbli fil-protezzjoni pprovduta lid-*data* personali ttrasferita mill-UE, speċjalment jekk il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit jiddevja mill-acquis tal-UE fil-futur. Ta' min jinnota li f'Lulju 2020, il-kawża storika tal-QĠUE

³⁰ Ara r-rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafi 55 u 56.

³¹ Ara t-taqsimu 182(2) tad-DPA tal-2018. Ara wkoll il-Memorandum ta' Qbil dwar ir-rwol tal-ICO fir-rigward ta' valutazzjonijiet ġodda tal-adeqwatezza tar-Renju Unit, <https://ico.org.uk/about-the-ico/news-and-events/news-and-blogs/2021/03/secretary-of-state-for-the-department-for-dcms-and-the-information-commissioner-sign-memorandum-of-understanding/>.

*Schrems II*³² irriżultat fl-invalidazzjoni tad-Deċiżjoni dwar it-Tarka tal-Privatezza tal-Istati Uniti peress li, skont il-QĠUE, il-qafas legali tal-Istati Uniti ma setax jitqies bħala li jipprovdi livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni meta mqabbel ma' dak tal-UE. Madankollu, is-sentenzi diġà adottati tal-QĠUE, ikkunsidrati bħala ġurisprudenza miżmuma fil-qafas legali tar-Renju Unit, jistgħu ma jibqgħux jorbtu aktar lir-Renju Unit peress li, b'mod partikolari, ir-Renju Unit għandu l-possibbiltà li jimmodifika d-dritt tal-UE miżmum wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju, u l-Qorti Suprema tiegħu mhijiex marbuta b'xi ġurisprudenza miżmuma tal-UE³³.

50. **Għalhekk, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea timmonitorja mill-qrib il-proċess u l-kriterji ta' valutazzjoni tal-adeqwatezza mill-awtoritajiet tar-Renju Unit fir-rigward ta' pajjiżi terzi oħra, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti bħala adegwati skont l-LED mill-UE.**
51. Meta l-Kummissjoni Ewropea ssib li l-ebda livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak garantit fl-UE, skont l-Artikolu 36 tal-LED, ma jkun żgurat mill-pajjiżi terz li jinstab li huwa adegwat mir-Renju Unit, l-EDPB jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu kwalunkwe pass u l-passi kollha meħtieġa bħal, pereżempju, l-emendar tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit biex jiġu introdotti salvagwardji speċifiċi għad-*data* personali li toriġina mill-UE, u/jew li tikkunsidra s-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' adegwatezza tar-Renju Unit, fejn id-*data* personali ttrasferita mill-UE lir-Renju Unit tkun soġġetta għal trasferimenti ulterjuri lejn il-pajjiżi terz inkwistjoni abbażi ta' regolament dwar l-adeqwatezza tar-Renju Unit.
52. **Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali konklużi, jew li għandhom jiġu konklużi fil-futur, mir-Renju Unit u l-aċċess possibbli, minn awtoritajiet minn pajjiż(i) terz(i) parti(jiet) għal tali ftehimiet, għal *data* personali mill-UE, l-EDPB jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea teżamina l-interazzjoni bejn il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit u l-impenji internazzjonali tiegħu, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-livell ta' protezzjoni f'każ ta' trasferimenti ulterjuri lejn pajjiżi terzi oħra ta' *data* personali ttrasferita mill-UE lejn ir-Renju Unit abbażi ta' deċiżjoni dwar l-adeqwatezza tar-Renju Unit; u li kontinwament timmonitorja u tiegħu azzjoni, fejn meħtieġ, fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali bejn ir-Renju Unit u pajjiżi terzi li jirriskjaw li jimminaw il-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali previst fl-UE. Pereżempju, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea rreferiet għall-fatt li l-Ftehim tal-Att CLOUD bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti³⁴ jista' jaffettwa trasferimenti ulterjuri lejn l-Istati Uniti minn fornituri ta' servizzi fir-Renju Unit, l-EDPB jenfasizza li d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim jista' jaffettwa wkoll trasferimenti ulterjuri mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-Renju Unit, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ u t-trażmissjoni ta' ordnijiet skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim tal-Att CLOUD bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.**
53. L-EDPB iqis ukoll li l-konklużjoni ta' ftehimiet futuri ma' pajjiżi terzi għall-fini tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, li jipprovdu bażi ġuridika għat-trasferiment ta' *data* personali lil dawn il-pajjiżi, tista' taffettwa b'mod sinifikanti wkoll il-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni ulterjuri tal-informazzjoni miġbura, peress li tali ftehimiet jistgħu jaffettwaw il-qafas legali tal-protezzjoni tad-*data* tar-Renju Unit kif iwwalutat.

³² Ara s-sentenza tal-QĠUE, C-311/18, *Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Ltd u Maximilian Schrems*, is-16 ta' Lulju 2020, ECLI:EU:C:2020:559 (minn hawn 'il quddiem "*Schrems II*").

³³ Ara t-taqsimha 6(3) sa (6) tal-EU (Withdrawal) Act 2018.

³⁴ Ara l-Agreement between the Government of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland and the Government of the United States of America on Access to Electronic Data for the Purpose of Countering Serious Crime, Washington DC, l-Istati Uniti tal-Amerka, it-3 ta' Ottubru 2019, <https://www.gov.uk/government/publications/ukusa-agreement-on-access-to-electronic-data-for-the-purpose-of-counteracting-serious-crime-cs-usa-no62019>.

54. **Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja kontinwament jekk il-konklużjoni ta' ftehimiet futuri bejn ir-Renju Unit u pajjiżi terzi tistax taffettwa l-applikazzjoni tal-liġi tar-Renju Unit dwar il-protezzjoni tad-*data*, u tipprevedi limitazzjoni jew eżenzjoni ulterjuri fir-rigward tal-kondiviżjoni ulterjuri u l-użu u d-divulgazzjoni ulterjuri barra mill-pajjiż ta' informazzjoni miġbura għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. L-EDPB iqis li tali informazzjoni u valutazzjoni huma essenzjali sabiex ikun jista' jsir rieżami komprensiv tal-livell ta' protezzjoni mogħti mill-qafas u mill-prattiki leġislattivi tar-Renju Unit fir-rigward tad-divulgazzjoni barra mill-pajjiż.**
55. Fl-aħħar nett, l-EDPB jieħu nota li f'konformità mat-taqsimha 76(4)(b) tad-DPA tal-2018 (Trasferimenti abbażi ta' ċirkostanzi speċjali), l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fir-Renju Unit jistgħu jittrasferixxu *data* personali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali meta t-trasferiment "*ikun meħtieġ għall-fini li jinkiseb parir legali fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-finijiet tal-infurzar tal-liġi*". **L-EDPB jenfasizza li l-Artikolu 38 tal-LED ma fihx dispożizzjoni korrispondenti; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara x'inhum mifhum b'parir legali, u x'tip ta' *data* personali tiġi skambjata f'tali każijiet.**

3.2.4 Ipproċessar ulterjuri, inkluż il-kondiviżjoni ulterjuri għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali

56. Fir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED tiegħu, l-EDPB indika li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-iproċessar jew mad-divulgazzjoni ulterjuri ta' *data* ttrasferita mill-UE għal finijiet oħra għajr għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, pereżempju finijiet ta' sigurtà nazzjonali, din għandha tkun ipprovduta wkoll bil-liġi, tkun meħtieġa u proporzjonata. Kif i-valutat mill-Kummissjoni Ewropea fl-abbozz ta' deċiżjoni tagħha, it-taqsimha 36(3) tad-DPA tal-2018, id-Digital Economy Act 2017, il-Crime and Courts Act 2013, u s-Serious Crime Act 2017 jipprevedu qafas legali ċar li jippermetti l-kondiviżjoni ulterjuri, sakemm tali kondiviżjoni ulterjuri tkun f'konformità mar-regoli stabbiliti fid-DPA tal-2018.
57. L-EDPB jinnota li, fil-kuntest ta' pproċessar ulterjuri għall-finijiet oħra ta' *data* personali ttrasferita mill-UE, il-Kummissjoni Ewropea ma vvalutatx jekk hemmx xi mekkaniżmu għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit biex jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri dwar il-possibbiltà ta' pproċessar ulterjuri tad-*data*. Madankollu, ir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED iqis dan bħala element li għandu jiġi kkunsidrat³⁵. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' tali mekkaniżmu biex jinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri dwar l-iproċessar ulterjuri tad-*data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi titqies ukoll bħala element li għandu jiġi kkunsidrat skont ir-Referenzjal tal-Adegwatezza tal-LED³⁶.
58. **L-EDPB għalhekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkomplementa l-analiżi tagħha b'informazzjoni dwar l-eżistenza ta' mekkaniżmi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri dwar ipproċessar ulterjuri possibbli tad-*data*, ittrasferita mill-UE.**
59. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-*data* miġbura minn awtorità tal-infurzar tal-liġi kriminali ma' aġenzija tal-intelligence għall-finijiet ta' sigurtà nazzjonali, il-bażi ġuridika li tawtorizza tali kondiviżjoni ulterjuri hija l-Counter-terrorism Act 2008. F'dan ir-rigward, l-EDPB jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet tat-taqsimha 19 tal-Counter-terrorism Act 2008 mhumiex indirizzati bis-sħiħ fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, u jistgħu jimplikaw użu ulterjuri ta' natura usa', b'mod partikolari fir-rigward tat-taqsimha 19(2) tal-Counter-terrorism Act 2008, li jistipula li "*l-informazzjoni miksuba minn kwalunkwe wieħed mis-servizzi tal-intelligence b'rabta mal-eżerċizzju ta'*

³⁵ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafu 41 u n-nota 39 f'qiegħ il-paġna.

³⁶ Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2021 dwar ir-referenzjal tal-adeqwatezza fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi, il-paragrafu 40.

kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu tista' tintuża minn dak is-servizz b'rabta mal-eżerċizzju ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet l-oħra tiegħu." F'dan ir-rigward, l-EDPB jenfasizza li meta d-data tiġi pproċessata jew divulgata b'mod ulterjuri, din għandha tibbenifika mill-istess livell ta' protezzjoni bħal meta tkun ġiet ipproċessata inizjalment mill-awtorità kompetenti riċeventi.

3.3 Sorveljanza u infurzar

60. L-EDPB jinnota li s-sorveljanza tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kriminali hija żgurata minn taħlita ta' Kummissarji differenti, minbarra l-ICO. L-abbozzi tas-sejbiet tal-adeqwatezza jsemmu l-Investigatory Powers Commissioner (il-Kummissarju responsabbli għas-setgħat investigattivi) (minn hawn 'il quddiem "IPC"), il-Commissioner for the Retention and Use of Biometric Material (il-Kummissarju responsabbli għaż-Żamma u l-Użu ta' Materjal Bijometriku), kif ukoll is-Surveillance Camera Commissioner (il-Kummissarju responsabbli għall-Kamera tas-Sorveljanza). F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-QĠUE enfasizzat ripetutament il-ħtieġa għal sorveljanza indipendenti. L-IPC huwa ta' importanza partikolari għal kwistjonijiet ta' aċċess għal *data* personali ttrasferita lir-Renju Unit. Il-fehim tal-EDPB huwa li l-IPC huwa l-hekk imsejjaħ "kummissarju ġudizzjarju", bħal kummissarji ġudizzjarji oħra, li għandha ssir referenza għalih fil-kuntest tal-kapitolu dwar is-sigurtà nazzjonali, u li dawk il-kummissarji ġudizzjarji jgawdu l-indipendenza tal-imħallfin, ukoll meta jservu bħala kummissarji. Fir-rigward tal-kariga tal-IPC, il-Kummissjoni Ewropea tispjega fil-premessa 245 tal-abbozz ta' deċiżjoni li huwa jiffunzjona b'mod indipendenti bħala l-hekk imsejjaħ "korp indipendenti", filwaqt li huwa ffinanzjat mill-Uffiċċju tal-Intern.
61. Barra minn hekk, l-IPC huwa kompetenti wkoll għas-sorveljanza *ex post* tal-miżuri ta' sorveljanza. Madankollu, jidher li f'din il-funzjoni, ir-rwol tal-IPC huwa li jagħmel rakkomandazzjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, u li jagħti avviż lis-suġġett tad-*data*, jekk l-iżball ikun serju u jkun fl-interess pubbliku li l-persuna tiġi infurmata.
62. L-EDPB ma sab l-ebda indikazzjoni ulterjuri fl-abbozz ta' deċiżjoni biex tiġi vvalutata l-indipendenza tal-Kummissarju responsabbli għaż-Żamma u l-Użu ta' Materjal Bijometriku, kif ukoll tal-Kummissarju responsabbli għall-Kamera tas-Sorveljanza.
63. **Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tivvaluta ulterjorment l-indipendenza tal-kummissarji ġudizzjarji, anke f'każijiet fejn il-Kummissarju ma jkunx (aktar) qed iservi bħala imħallef, kif ukoll biex tivvaluta l-indipendenza tal-Kummissarju responsabbli għaż-Żamma u l-Użu ta' Materjal Bijometriku, u mill-Kummissarju responsabbli għall-Kamera tas-Sorveljanza.**